# KIF SER NGĦIXU IL-ĠIMGĦA MQADDSA 2020

**IL-ĠIMGĦA MQADDSA FID-DAR ...**

Għal ħafna minna qatt ma għadda minn moħħna li niċċelebraw il-Ġimgħa Mqaddsa fid-djar tagħna, mingħajr funzjonijiet, pellegrinaġġi u purċissjonijiet. Biss ejjew nagħrfu li din hija wkoll opportunità biex niċċelebraw dawn il-festi u niffukaw ħalli naduraw lill-Mulej "fl-ispirtu u fil-verità":

A. **Għixu Irtir fid-dar**
Forsi qatt, jew ftit li xejn, kellkom esperjenza ta' irtir ... mhux xi ħaġa ta' barra minn hawn ta'! Ippruvaw matul dawn il-jiem, speċjalment tul it-tlett ijiem tal-Għid (minn Ħamis ix-Xirka sal-Għid il-Kbir), għamlu mumenti ta' ħin fit-talb flimkien mal-familja tagħkom. Toqgħodux tagħmlu affarijiet li xi ftit jew wisq jistgħu itellfukom milli tibqgħu fil-ġabra ... Toqgħodux ittellgħu u tniżżlu fil-*facebook* imma wżawh biss bħala għajnuna għall-ġabra u t-talb u biex issegwu ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

B. **Għidu t-talb speċifiku għal kull ġurnata**
Tkun xi ħaġa li f'dawn il-ġranet meta xi ftit jew wisq aħna 'l bogħod mis-saċerdoti tagħna, ningħaqdu flimkien magħhom permezz tat-talb tal-brevjar, il-Liturġija tas-Siegħat. F'dan il-link li hawn taħt tistgħu ssibu it-talb tal-Liturġija tas-Siegħat, u titolbuh waħedkom jew mal-familja. It-talb jista' jinqasam għal matul il-ġurnata. Fit-tlett ijiem tal-Għid nistgħu nitolbuh ukoll mal-Arċisqof. Kull darba li tidħol f'dan il-link ser issib il-liturġija tas-siegħat tal-ġurnata: *http://www.laikos.org/LS20/LS_ver_280819.php*. Barra dan it-talb hemm talb ieħor, bħar-Rużarju jew Via Sagra/Crucis li jista' jsir, u bħala għajnuna għandkom xi links fuq il-facebook tal-parroċċa.

C. **Segwu x-xandiriet fuq it-televiżjoni (TVM / TVM2 / Xejk TV) jew online fuq il-midja soċjali (Knisja.mt / Newsbook.com.mt):**
Inġabru bħala familja daqs li kieku sejrin għall-quddies u qegħdin il-knisja. Wieġbu minkejja li ċ-ċelebrant mhux ser jismagħkom. Tkun ħaġa tajba li fejn issegwu l-quddiesa toħolqu ambjent sabiħ u ta' ġabra. Importanti li ma ssegwux biss bħal li kieku qegħdin taraw xi film.

D. **Isimgħu Mużika Sagra**
Tkun xi ħaġa sabiħa li matul il-Ġimgħa Mqaddsa tisimgħu xi mużika reliġjuża li tgħinkom tidħlu aktar fl-ispirtu qaddis ta' dawn il-ġranet.

E. **Araw xi film b'tema reliġjuża**
Aħtfu l-okkażjoni biex taraw xi film mal-familja b'tema reliġjuża jew li jirrakkonta l-ġrajja tal-passjoni tal-Mulej. Il-Klassiku dejjem jibqa': *'Jesus of Nazareth'* :-
*https://www.youtube.com/watch?v=ruLjkt-5Kao&list=PL4NZ0wPzJdpoKWhTQLmY-HmM7eROg4wSO*

## Ejjew nieħdu din l-okkażjoni biex niċċelebraw dan il-jiem għeżież fil-fidi tagħna mid-dar tagħna, mal-familja tagħna, maqgħudin mal-Knisja u ma' ħutna nsara permezz tal-midja u ngħixu tassew din il-Ġimgħa Qaddisa mill-qrib mal-Mulej!

# PROGRAMM GĦALL-ĠIMGĦA MQADDSA 2020

1. Il-Ħadd 05/04, **Ħadd il-Palm**:- Ara Fil 2, 8-9: Minħabba fina Kristu obda sal-mewt tas-salib.
   *Fuljett bil-Liturġija:* https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1126_hadd%20il-palm.pdf
   - **L-EVANĠELJU SKONT SAN MATTEW** - Mt 21, 1-11: Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.
   - **QARI I** - Isaija 50, 4-7: Ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir.
   - **SALM RESPONSORJALI** - Salm 21 (22), 8-9.17-18a.19-20.23-24: Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?
   - **QARI II** - Fil 2, 6-11: Kristu ċekken lilu nnifsu; għalhekk Alla għollieh.
   - **IL-PASSJONI TA' SIDNA ĠESÙ KRISTU SKONT SAN MATTEW** - Mt 26, 14 - 27, 66
   - **Fit-8:00am - Jindaqqu t-tokki tat-8:00am**
     **Il-Knisja Parrokkjali** tiftaħ AM: bejn 8:00am u 9:00am
   - **Fid-9:15am - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (10 mins max.)
   - **Segwu x-xandira: AM - 09:30am - 10:45am: Quddiesa minn Mons. Arċisqof**
     → ***SINJALI***:- Kurċifiss u xi fergħa żebbuġa jew palma.
     → ***ĠEST***:- Jekk trid tista' tiġi tieħu fergħa taż-żebbuġ imbierek minni fil-quddiesa li ser inkun ċċelebrajt fil-privat u li ġie mqiegħed qoffa/kaxxa apposta fejn il-bieb tal-knisja tan-naħa tar-Rużarju.
   - **F'12:00pm - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (15 mins max.)
   - **Fil-4:45pm - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (10 mins max.)
     **Il-Knisja Parrokkjali** tiftaħ PM: bejn 5:00pm u 6:00pm

2. It-Tnejn 06/04, u t-Tlieta 07/04:
   - **Segwu x-xandir fuq TVM / TVM2 / Xejk TV jew online fuq Knisja.mt / Newsbook.com.mt:**
     → **AM - 09:30am - 10:00am: Quddiesa minn Mons. Isqof Galea-Curmi**
     → **PM - 05:30pm - 06.30pm: Quddiesa u Rużarju minn Mons. Arċisqof**
     **Il-Knisja Parrokkjali** tiftaħ AM: bejn 7:00am u 8:00am; PM: bejn 6:00pm u 7:00pm
     **Il-Knisja ta' S. Marija** tiftaħ AM: bejn 8:00am u 12:00pm; PM: bejn 3:00pm u 6:00pm

3. L-Erbgħa 08/04, **l-Erbgħa tat-Tniebri**:
   - **Segwu x-xandira: AM - 09:30am - 10:00am: Quddiesa minn Mons. Isqof Galea-Curmi**
   - **Segwu x-xandira: PM - 05:30pm - 07:15pm: Quddiesa u Rużarju u Via Crucis minn Ta' Pinu, Għawdex**
     **Il-Knisja Parrokkjali** tiftaħ AM: bejn 7:00am u 8:00am; PM: bejn 6:00pm u 7:00pm
     **Il-Knisja ta' S. Marija** tiftaħ AM: bejn 8:00am u 12:00pm; PM: bejn 3:00pm u 6:00pm

4. Għall-jiem tat-**Tridu tal-Għid, jiġifieri Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira, Sibt il-Għid, il-Knisja Parrokkjali u l-Knisja ta' Santa Marija ma jiftħux.**

5. Il-Ħamis 09/04, **Ħamis ix-Xirka - AM**:
   - **Fit-8:00am - Jindaqqu t-tokki tat-8:00am**
   - **Fid-9:15am - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (10 mins max.)
   - **Segwu x-xandira: AM - 09:30am - 10:10am: Liturġija tas-Siegħat ma' Mons. Arċisqof**
     → ***SINJAL***:- Il-Borma tal-Ġimgħa l-Kbira
     Kif issir? L-ewwel ħaġa jrid ikollkom kwantità ta' nbid iswed. Sadanittant minn jumejn qabel, jeħtieġ li xxarbu taħlita ta' lumi, lariġ, mandolina, bastun tal-kannella, ftit nuċimuskata u tħallihom okkupati bl-għatu magħluq ħalli jiffermentaw. Wara jumejn tħalltuhom mal-inbid u tagħtuhom fawra qawwija fuq in-nar. Matul il-ġranet tridu tħallu din il-borma fuq spiritiera b'nar bati ta' ftila jew tnejn u toqgħodu attenti li ma tħallux lit-taħlita tinxtorob, billi minn ħin għal ħin iżżidu l-inbid li jkun evapora. Tinsewx borma tfewwaħ knisja. Biex tfewwaħ id-dar tagħmlux proporzjon kbir!

6. Il-Ħamis 09/04, **Ħamis ix-Xirka - PM**:
   - **F'12:00pm - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (15 mins max.)
   - **Fil-5:00pm - Jindaqqu l-Qniepen** – 3 Moti (30 mins max.)
   - **Segwu x-xandira: PM - 05:30pm - 06.30pm: Quddiesa u Adorazzjoni ma' Mons. Arċisqof**
   - *Fuljett bil-Liturġija:* https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1127_hamis%20ix-xirka.pdf
     → ***SINJALI***:- Qagħqa tal-Appostli, Buqar u Xugaman.
   - **Fil-Glorja - Ċuqlajta tibda ddur sal-aħħar tal-Glorja (10 mins)**
     → ***ĠEST 1***:- Qabel l-ikla ta' filgħaxija, il-missier jew l-omm taħsel saqajn jew idejn dawk li ser joqgħodu mal-mejda u waqt l-ikla għaddu l-qagħqa tal-Appostli u kull wieħed jieħu biċċa.
     → ***ĠEST 2***:- Tista' ssir forma tal-ikla tal-Għid bir-rit Lhudi. Ara r-rit u dak li hemm bżonn f'dan il-link: https://www.oocities.org/hashanayobel/laudsgeneral/iklaghid.htm
   - **Fit-8:15pm - Ċuqlajta ssejjaħ għall-Viżti (10 mins)**
   - **Segwu x-xandira: PM - 08:30pm - 09.30pm: 7 Viżti quddiem Ġesù ma' Mons. Arċisqof**
     → ***ĠEST 3***:- Min għandu salib armat f'xi tieqa, gallarija, eċċ. tad-dar jieħu ħsieb jixegħlu.

7. Il-Ġimgħa 10/04, **il-Ġimgħa l-Kbira - AM**:
   - **Fit-9:15am - Ċuqlajta ssejjaħ għal-Liturġija tas-Siegħat (10 mins)**
   - **Segwu x-xandira: AM - 09:30am - 10:10am: Liturġija tas-Siegħat ma' Mons. Arċisqof**

8. Il-Ġimgħa 10/04, **il-Ġimgħa l-Kbira - PM**:
   - **F'12:00pm - Ċuqlajta Mota (30 mins. max)**
   - **Fit-2:45pm - Ċuqlajta Mota (15 mins. max)**
   - **Segwu x-xandira: PM - 03:00pm - 04:15pm: Funzjoni Solenni ma' Mons. Arċisqof**
     → ***SINJAL***:- Salib jew Kurċifiss.
     → ***ĠEST 1***:- Waqt l-adorazzjoni tas-salib, fi spirtu ta' ġabra, silenzju u talb, ersaq u bus is-salib.
   - **Fis-6:15pm - Ċuqlajta Mota (10 mins. max)**
   - **Segwu x-xandira: PM - 06:30pm - 07:30pm: Via Crucis ma' Mons. Arċisqof**
     → ***ĠEST 2***:- Min għandu salib armat f'xi tieqa, gallarija, eċċ. tad-dar jieħu ħsieb jixegħlu.
   - **Segwu x-xandira: PM - 09:00pm - 10:30pm: Via Crucis mal-Q.T. l-Papa Franġisku**

9. Is-Sibt 11/04, **Sibt il-Għid - AM**:
   - **Fit-9:15am - Ċuqlajta ssejjaħ għal-Liturġija tas-Siegħat (10 mins)**
   - **Segwu x-xandira: AM - 09:30am - 10:10am: Liturġija tas-Siegħat ma' Mons. Arċisqof**

10. Is-Sibt 11/04, **Sibt il-Għid - PM**:
    - **F'12:00pm - Ċuqlajta Mota (30 mins. max)**
    - **Fit-8:00pm - Ċuqlajta Mota (30 mins. max)**
    - **Segwu: PM - 08:30pm - 10:00pm: Ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid ma' Mons. Arċisqof**
      → ***ĠEST 1***:- Min għandu salib armat f'xi tieqa, gallarija, eċċ. tad-dar jieħu ħsieb jixegħlu.
      → ***SINJALI***:- Xemgħa bajda u Qanpiena.
    - **Fil-Glorja - Jindaqqu l-Qniepen sal-aħħar tal-Glorja**
      → ***ĠEST 2***:- Fil-Glorja taċ-ċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċisqof**,** mill-Knisja Parrokkjali ser jerġgħu jibdew jindaqqu l-qniepen u intom tajjeb takkumpanjaw bil-qniepen, ġnieġel, eċċ. mid-dar.
    - **Sanctus u Konsagrazzjoni - Jindaqqu l-Qniepen**
    - **Fl-10:00pm - X'ħin tispiċċa ċ-ċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċisqof - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (30 mins max.)
      → ***ĠEST 3***:- X'ħin tispiċċa ċ-ċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċisqof, għal xi l-**10:00pm,** mill-Knisja Parrokkjali ser tindaqq mota ferrieħa bil-qniepen u intom tajjeb takkumpanjaw bil-qniepen, ġnieġel, *hornijiet*, mit-twieqi jew mill-gallariji ta' djarkom.

11. Il-Ħadd 12/04, **Għid il-Kbir -AM**: Ara 1 Kor 5, 7b-8a: Il-Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul: nagħmlu mela festa fil-Mulej.

*Fuljett bil-Liturġija:* https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1128_ghid%20il-kbir.pdf

- **QARI I** - Atti 10, 34a.37-43: Aħna kilna u xrobna miegħu wara li qam mill-imwiet.
- **SALM RESP** - Salm 177 (118): Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; nifirħu u nithennew fih. Hallelujah
- **QARI II** - Kol 3, 1-4: Fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn qiegħed Kristu - *jew*
  **QARI II** - 1 Kor 5, 6b-8: Tnaddfu mill-ħmira l-qadima, ħa tkunu għaġna ġdida.
- **L-EVANĠELJU SKONT S. MATTEW** - Mt 28, 1-10: Qam mill-Imwiet, u sejjer il-Galilija qabilkom.
  → ***ĠEST 1***:- Illum min għandu arblu bix-xieraq li jtella' l-bandiera.

o **Fit-8:00am - Jindaqqu t-tokki tat-8:00am u l-Qniepen** – Mota (10 mins max.)
  **Il-Knisja Parrokkjali** tiftaħ AM: bejn 8:15am u 9:15am

o **Fid-9:15am - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (10 mins max.)

o **Segwu x-xandira: AM - 09:30am - 10:30am: Quddiesa Solenni minn Mons. Arċisqof**
  → ***SINJALI***:- Xemgħa bajda, Xbieha ta' Kristu Rxoxt, u Figolla jew Bajda tal-Għid.
  → ***ĠEST 2***:- Fil-Glorja bus ix-xbieha ta' Kristu Rxoxt, u x'ħin tispiċċa ċ-ċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċisqof, għal xi l-**10:30am** aqsmu l-figolli u l-bajd tal-Għid.

o **Segwu x-xandira: AM - 11:00am - 12:30pm: Quddiesa u Barka *Urbi et Orbi* mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku**

12. Il-Ħadd 12/04, **Għid il-Kbir - PM**:

o **F'12:00pm - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (15 mins max.)

o **Fil-5:15pm - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (15 mins max.)
  **Il-Knisja Parrokkjali** tiftaħ PM: bejn 5:30pm u 6:30pm u jkun espost Ġesù Sagramentat.